12 ta' Marzu, 1955

**Imħallef:**
**Chev. Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.**

Il-Pulizija *versus* Joseph Schreiner

## Reat tal-Kap ta' Familja li Jħalli l-Mara fil-Bżonn — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Appell

*Akkuża fis-sens li l-imputat ħalla lill-martu fil-bżonn ma tikkostitwix reat, għax għall-integrazzjoni tar-reat tal-kap ta' familja li jħalli l-martu fil-bżonn jeħtieġ ir-rekwiżit tal-"ħajja bla qies", jew l-alternattiva ta' "nuqqas ta' kont għax-xogħol".*

*L-imputat li jiġi kundannat fuq akkuża simili, jekk jappella minn dik il-kundanna, għandu jiġi liberat; għax fl-appell iċ-ċitazzjoni ma tistax titbiddel.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, talli l-Kalkara, f'dawn l-aħħar xhur, bħala kap tal-familja, ħalla lill-martu fil-bżonn;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-26 ta' Jannar 1955, li biha sabitu ħati u kkundannatu erbgħa tijiem detenzjoni;

Rat ir-rikors tal-imputat, li bih appella lil din il-Qorti, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Peress li, kif inhi redatta ċ-ċitazzjoni, l-imputazzjoni ma tikkostitwixxix reat, għax, minbarra dak li hemm dedott, għall-integrazzjoni tar-reat jeħtieġ ir-rekwiżit tal-"ħajja bla qies", jew, alternattivament, "in nuqqas ta' kont għaxxogħol";

Peress li fl-appell iċ-ċitazzjoni ma tistgħax titbiddel, kif ġie kemm il-darba ritenut;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tiddikjara li l-imputazzjoni dedotta ma tikkostitwixxix reat, tirrevoka s-sentenza appellata, u tordna li l-imputat jiġi liberat;

Il-Qorti tieħu l-okkażjoni biex tiddeplora, kif ripetutament kellha l-okkażjoni tagħmel, li fir-redazzjoni taċ-ċitazzjonijiet ma tiġix segwita attentament il-lokuzzjoni tal-liġi, bi ħsara ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

---